TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Tania u Richard Curmi

vs

Matthew Busuttil

CCT 191/15/MS

25 ta' Gunju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attrici pprezentat fis-6 ta' Ottubru 2015 fejn wara li ppremetiet illi hija marret ghal trattament ta' *fat freezing* ghand il-konvenut, ghall-prezz ta' €65 ghal kull sessjoni liema trattament ma rnexxiex, tant illi giet ikkawzata ferita u konsegwenzjali danni, talbet rifuzjoni ta' sitt mitt Euro, li jinkludi il-prezz tat-trattament, danni kif ukoll spejjes ghal trattament rimedjali.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentat fil-26 ta' Ottubru 2016 fejn cahad it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt kif ukoll illi l-attricii kienet irceviet cekk ta' €120.00 fuq bazi 'minghajr pregudizzju" sabiex jaghmlu tajjeb ghal xi danni li setghet sofriet. Ecepixxa wkoll illi d-danni gew kawzati minhabba uzu hazin tal-apparat uzat mill-istess attrici.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut fejn talab lill-attrici rikonvenzjonata thallsu s-somma ta' €1477.54 rapprezenanti danni sofferti minnu rizultat tal-uzu hazin li ghamlet l-attrici bl-apparat tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-attrici rikonvenzjonata pprezentata fil-25 ta' Jannar 2016 fejn cahdet it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra d-dokumenti kollha tal-process.

Sema ix-xhieda.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi li lejn l-ahhar ta' Marzu 2015 l-attrici Tania Curmi kienet bdiet kors ta' *slimming sessions* mal-azjenda tal-konvenut. Waqt li kienet hemm, giet imhajra taghmel *'fat-freezing sessions'*. Il-pakkett kien ta' tlett sessions ta' 65 Euro l-wiehed. Ghamlet l-ewwel *session* u l-magna tpoggiet fuq il-parti taz-zaqq kif xtaqet hi, ghal hin stipulat ta' 45 minuti. It-technician ma qaghditx maghha il-hin kollu izda kienet tidhol u tohrog biex tara l-process f'hiex wasal. Meta tlesta l-ewwel *session* kien hemm certa hmura li kien mistenni u fil-pront it-*technician* ghamlitilha *massage* biz-zejt fuq dik il-parti ta' zaqqha. Marret ghat-tieni *session*, fejn giet assistita mill-istess *technician,* li pero' skond l-attrici, dehret imfixxkla (flustered) u mghaggla. It-*technician* hallieta wiccha l-fuq fuq il-*couch*, ghamlitilha l-magna fuq zaqqha u telqet. Wara tlett kwarti, waqqfet il-magna u t-*technician* ma dehret imkien. Baqghet minduna u bdiet thabbat fuq il-*partition*, pero' hadd ma gie jassistiha. Gietha l-ideja li ccemplilhom u sabet in-numru minn l-interet. Kienet inkwetata hafna peress illi ftakret illi l-ewwel darba kienet sarilha *massage* fuq dik il-parti ta' zaqqha u issa kienu diga ghaddew ghaxar minuti jew iktar u dik il-magna kienet ghadha fuqha. Wara xi kwarta giet *technician* u bdiet timassagjalha zaqqha pero' l-attrici hasset sensazzjoni ta' friction u ma kenitx qed tizlog bhal ma kienet l-ewwel darba. Pero' sadanittant ma kenitx qed thoss ugigh peress illi zaqqha kienet ghadha taht l-influenza tas-silg li kellu l-funzjoni ta' loppju. L-ghada meta qamet sabet bziezaq li rrizultaw li kienu *second degree burns*, li gew kkawzati direttament mill-*freezing procedure.* Ghamlet gimgha tmur il-PolyClinic ghal kura u esebiet diversi rcevuti ta' ingwenti u antibiotics li kellha tiehu minhabba l-ferita. Rinfaccjat bl-ilment taghha , il-konvenut l-ewwel qallha li dan kien normali pero' qalilha li kien lest ihallas ghal dawn l-ingwenti u l-antibiotics. Fil-fatt fis-6 ta' Gunju 2015 taha cekk ta' €120.00 - (Dok TC), pero' dan qatt ma gie msarraf mill-attrici peress illi kellha bzonn iktar kura u trattament u ma kenitx taf finalment kemm ser tonfoq. Il-partijiet baqghu f'kuntatt almenu sat-23 ta' Gunju 2015, pero' meta l-attrici ssugeriet lill-konvenut, li bhala kura ahharija kien hemm il-possibilta' li tintuzail-laser, ma semghetx iktar minghandu.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut ighid illi kien sar it-trattament tal-*freezing* skond process appozitu fejn il-*gel pad* jitpogga fuq l-*area* li fuqha ha jsir it-trattament. Fuq il-*gel pad* titpogga *plastic* biex ma thallix il-magna tigbed il-*gel.* Skond il-konvenut, l-unika raguni li wiehed jista' jsofri harqa, huwa jekk il-*gel pad* ma tkunx '*in place*' u jkun hemm kuntatt dirett tal-*plate* mal-gilda. Ghal din ir-raguni jghid li l-klijenti jigu mgharrfa li kemm il-*handle* kif ukoll il-*pad* ma jintmissux. Il-*handle* jista' jitkisser meta l-gel jingibed gol-*handle.* Il-konvenut spjega li wara 45 minuti li l-handle jibqa' ma jiccaqlaqx it-trattament ikun lest. Fl-opinjoni tal-konvenut, il-*handle* giet imcaqalqa mill-attrici waqt li kienet fl-istatic phase u b'hekk il-magna gratilha hsara tant li wara t-trattament, il-*handle* bdiet taghti *error* u bdiet tieqaf. Ipprezenta sett ta' *invoices* ta' xiri ta' apparat gdid u qed jippretendi li

jigi rizarcit ghal dawn l-ispejjes. Il-konvenuti ighid ukoll illi hu qatt ma jkun prezenti waqt dawn is-*sessions*.

Ikkunsidra

Illi mhux kontestat illi l-attrici inkarigat lill-konvenut ghal servizz ta' *fat freezing* sessions versu l-prezz imsemmi ta' €65 il-session. Saret l-ewwel session li dwaru ma kienx hemm ilmenti. Meta wasslet it-tieni *session*, intuzat l-istess procedura pero' din id-darba jidher illi l-attrici thalliet wahedha ghal hafna hin. Tant u hekk illi meta l-magna waqfet tahdem ma kien hemm hadd mill-istaff biex jassistiha u jnehhi l-magna minn fuqha. L-attrici kellha tirikorri ghal telefonata permezz tal-mobile taghha lil *reception* desk biex jintbaghat xi hadd inehhilha l-magna. L-istess konvenut jammetti illi hu qatt ma kien prezenti meta l-attrici kienet ghaddejja minn trattament u ammetta wkoll li *technicians* ma jkunux prezenti l-hin kollu mal-klijent waqt li jsir it-trattament. Ghalhekk it-Tribunal bil-fors jikkonkludi li l-unika persuna illi kienet prezenti l-hin kollu waqt it-trattament, kienet propju l-attrici. Irrizulta wkoll u mhux kontestat li l-attrici sofriet *second degree burns* konsegwenza ta' dan it-trattament, liema ferita kienet ser tiswa ammont konsiderevoli ta' flus biex din tigi mfejqa u ma thallix tracca. Il-konvenut jipotetizza illi din il-ferita giet ikkawzata peress illi saret manipulazzjoni hazina mill-attrici tal-magna in kwistjoni billi din caqaghlqet il-magna, dahal il-gel fil-handle u b'hekk saritilha hsara fejn kellha tigi mibdula bil-gdid. Dina hija s-sustanza tal-kontro-talba tal-konvenut.

Illi b'kull dovut rispett din l-ispjegazzjoni tal-konvenut tibqa' wahda ipotetika peress illi la hu u lanqas xi hadd mit-*technicians* tieghu ma kienu prezenti biex jassistu lill-attrici. Anke jekk l-attrici immanipulat il-magna (li zgur ma gietx ippruvata), dana xorta jibqa' responsabbilta' tal-intimat u t-*technicians* tieghu li hallew lill-attrici wahedha u mhux asistita. Meta jkun hemm apparat li potenzjlament jista' jkun ta' hsara ghal min qed juzaha il-professjoni titlob illi persuna kwalifikata ghandha toqghod dejjem hdejn il-klijent li qed tircievi t-trattament biex din tirtevjeni immedjatament malli tinduna illi saret xi avarija fil-procedura. F'dan il-kaz, it-Tribunal huwa sodisfatt li l-attrici thalliet wahedha ghal hafna hin u ghal min anqas ghaxar minuti jew izjed wara li spicca t-trattament, liema ghaxar minuti kienu krucjali sabiex jigu evitati konsegwenzi serji ghal persuna li tkun qed tircievi dak is-servizz.

Illi t-Tribunal jinnota illi fir-risposta tieghu l-intimat kellu indikat l-impjegati / technicians illi suppost kienu qed jassistu lill-attrici f'dan it-trattament. Pero' dawn ma xehdux. Ghalhekk l-opinjoni tal-intimat, apparti l-fatt illi fil-ligi din m'ghandha l-ebda valur probatorju, tibqa' mhux korroborata u ghalhekk ma tistax tinghata l-piz biex ixaqqleb il-mizien favur it-tezi tal-konvenut.

Min-naha l-ohra il-versjoni tal-attrici hija wahda verosimili moghtija a tempo vergine minn persuna illi effettivament ghaddiet minn dak illi kienet qed tirrakonta. Hija xhieda diretta, korroborata kemm mir-ritratti kif ukoll minn dokumenti ohra inkluzi dawk medici, kif ukoll mix-xhieda tal-konvenut li kkonferma li l-klijenti jithallew wahdehom waqt it-trattament.

Illi l-konvenut ipprezenta fatturi fejn juru xi prezzijiet ta' apparat uzat f'dan it-trattament li allegatament kellu jinbidel. It-Tribunal m'ghandu l-ebda prova li dak hu l-istess apparat li ntuza mir-rikorrenti, jew li kienet l-attrici illi effettivament ghamlet il-hsara. Pero' bhalma gja nghad kienet nettament ir-responsabbilta tal-konvenut u l-istaff tieghu illi jkunu prezenti l-hin kollu waqt it-trattament biex jassigaraw kemm l-inkolumita' tal-attrici kif ukoll dak tal-apparat taghhom. Ma tistax targumenta il-gustifikazzjoni li l-klijenti jithallew wahedhom biex imbaghad dan jintuza bhala arma kontrihom. Ma tistax titfa htija fuq xi hadd meta m'ghandek l-ebda prova li dik il-htija hiija konsegwenza ta' xi azzjoni tal-persuna. Kien il-konvenut stess li kkawza din is-sitwazzjoni negattiva fil-konfront tal-klijenti tieghu u ma jistax issa jiehu vantagg min-nuqqas tieghu. Dana japplika wkoll ghal kontro-talba tal-konvenut, fejn fin-nuqqas ta' provi da parti tieghu u ghal dak li rrizulta mill-kompless ta' provi prodotti f'din il-kawza, m'ghandux ragun fil-kontro-talba tieghu u din jisthoqq li tkun michuda.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kwantum tad-danni l-attrici hija intitolata li tigi rizaracita ghall-ammont ta' flus li effettivament nefqet ghal kura taghha kif ukoll ghal danni li sofriet konsegwenza ta' dan l-agir mhux professjonali tal-konvenut. Fit-talba taghha l-attrici qieghda titlob is-somma ta' sitt mitt Euro li jinkludu r-refund tas-sessions kollha u ghad-danni li kkawzalha l-konvenut. It-Tribunal jidhirlu li fl-isfond tal-provi prodotti din is-somma hija gustifikata u l-attrici jisthoqq li jkollha t-talba taghha milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt illi jichad il-kontro-talba tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attrici u jikundanna l-konvenut li jhallasha s-somma ta' sitt mitt Euro (€600.00). Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru